# Mill-Istorja - Qabar Puniku-Ruman fil-Ħamrun

*Kitba ta' Ivan Bugeja*

L-ewwel nett nixtieq ngħid illi sabiex wieħed jifhem aħjar x'inhu eżattament qabar Puniku, huwa importanti illi nagħtu ħarsa lejn Malta fi żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi u anki min kienu dawn l-istess nies li kkolonizzaw lil gżiritna eluf ta' snin ilu.

Il-Feniċi oriġinarjament ħarġu mil-Libanu, pajjiż fil-Lvant tal-baħar Mediterran. Kien poplu li jħobb ibaħħar u anki nies ta' kummerċ u kien bis-saħħa t'hekk illi ftit ftit huma rnexxielhom jikkolonizzaw tista' tgħid ix-xtut kollha tal-Mediterran, fosthom il-kosta ta' l-Afrika ta' fuq, Gades fi Spanja, il-kosta ta' l-Eġew, in-nofsinhar ta' Sqallija, Ċipru u Sardinja. Kien hawnhekk illi l-Feniċi waslu Malta, x'aktarx xi ftit qabel il-bidu tas-seklu sebgħa Q.K. Għalihom Malta kienet gżira b'importanza strateġika kbira, l-ewwel nett minħabba l-pożizzjoni tagħha u anki minħabba l-portijiet eċċezzjonali tagħha. Dan kien qalu l-istoriku Griek, Diodorus Siculus fl-ewwel seklu Q.K. *(Diod. V, 12, 1-2)*. F'dak il-perjodu Malta kienet imsejħa Anan, bil-belt kapitali jisimha Melite. Din kienet fejn illum hemm ir-Rabat u l-Imdina.

Huwa kemm xejn diffiċli wieħed jgħid, kif kienet il-ħajja f'Malta f'dawk iż-żminijiet, għall-fatt illi kienu ftit ir-rovini li nstabu, għajr numru kbir t'oqbra. L-aktar li nstabu minn dawn l-oqbra kien fl-inħawi tar-Rabat, fosthom f'Għar Barka, Għajn Qajjet u Għajn Klieb. Oħrajn, instabu tista' tgħid ma' kull naħa tal-gżejjer Maltin. Fosthom instab anki qabar fil-Ħamrun limiti ta' Gwardamanġa. Instabu ukoll xi kostruzzjonijiet oħra ta' l-istess perjodu fosthom f'Tas-Silġ Marsaxlokk, f'San Pawl Milqi Burmarrad, f'Ras ir-Raħeb il-Baħrija u anki f'Ras il-Wardija Għawdex. Il-ġeografiku Griek Claudius Ptolemaeus (127-48 W.K.) jgħid ukoll illi f'Malta kien hawn tempju ddedikat lil alla Melkart, iżda sfortunatament dan qatt ma nstab.

Meta mbagħad il-Feniċi bdew jitilfu mill-qawwa tagħhom, wara ħafna battalji mal-popli ta' Assirija u ta' Babilonja, kienu l-Kartaġiniżi li komplew fuq dak li ħallew il-Feniċi. Fil-fatt Malta għaddiet f'idejn il-Kartaġiniżi u kien f'dan il-perjodu illi din il-gżira ħadet importanza aktar minn qatt qabel. Dan seħħ, għaliex f'dawk iż-żminijiet Sqallija għaddiet taħt il-ħakma Griega, l-għedewwa prinċipali tal-Kartaġiniżi f'dak li hu kummerċ. Ta' min jgħid illi l-Kartaġiniżi waslu Malta minn fejn illum hemm it-Tuneżija, madwar 600 sena Q.K. u damu hawnhekk sakemm tkeċċew mir-Rumani fis-sena 218 Q.K. *(Livy XXI, 51)*. Dan

sar minn Tiberius Sempronius Longus matul it-Tieni Gwerra Punika *(Livy, Ab Urbe Condita, XXI, 51)*. Minn hawnhekk il-quddiem Malta spiċċat taħt il-ħakma Rumana, iżda madankollu l-influwenza Punika ma spiċċatx hawnhekk. L-Oratur Ruman Marcus Tullius Ċiċero (106-43 Q.K), fir-rakkont tiegħu, isemmi lit-tempju ta' Juno (magħruf aktar bħala Tas-Silġ) li jinsab f'Marsaxlokk. Hu jgħid illi dan it-tempju kien importanti ħafna u li kien ddedikat lil alla-mara Punika Astarte u aktar tard lil alla-mara Rumana Juno. Jgħid ukoll kif Caius Verres, il-gvernatur ta' Sqallija u Malta (73-71 Q.K), ħarbat u seraq dak kollu li sab f'dan it-tempju *(In Verrem, II, 2, 183)*. Tajjeb ngħidu ukoll illi Diodorus Siculus fl-istess rakkont tiegħu semma ukoll kemm kienet tipproduċi drapp sabiħ u tajjeb Malta (vestis melitensis) f'dawk iż-żminijiet u anki kemm kien hawn djar sbieħ *(Diod. V, 12, 2)*.

## Il-Qabar Puniku-Ruman

Pjanti tal-Qabar




■ Dan il-qabar kien misjub fil-Ħamrun f'April ta' l-1960 waqt li kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet fuq pedamenti ta' dar, fl-inħawi "Tal-Bastun". Id-dipartiment tal-mużewijiet kien infurmat mill-ewwel u minnufih id-direttur tal-mużewijiet, il-kaptan Charles G. Zammit għamel xi skavi u ġabar dak kollu li kien hemm ġo fih, fl-assenza tal-kuraturi ta' l-arkeoloġija li kienu jinsabu l-Italja. Dan il-qabar kien jikkonsisti f'żewġ kmamar tad-dfin u xaft minn fejn wieħed kien jinżel u jidħol (ara l-pjanta). Fih instabu l-fdalijiet ta' sitta u għoxrin skeletru li l-età tagħhom kienet tvarja bejn dik tat-tfal sa t'adulti ta' madwar sittin sena. L-iskeletri kienu kollha ta' persuni li kienu jgħixu Malta minn barra ta' tnejn li x'aktarx kienu irġiel b'oriġini aljena.

Instabu ukoll mal-163 oġġett relatat mad-dfin. L-affarijiet misjuba kienu dawn:

*Misluta tad-deheb*
*Amfori – 1 sħiħa u 2 miksura*
*Ġarar /enerarji – 4*
*Ġarar b'għonq – 4*
*Bombli – 28*
*Tazzi – 16*

*Platti – 58*
*Imsiebaħ - 37*
*Fliexken tal-fwieħa (unguentaria) – 3 fuħħar, 8 Ħġieġ (wieħed minnhom kellu l-marka ta' min ħadmu - A METR A)*

Dan il-qabar tħaffer fit-tieni seklu W.K. meta r-Rumani kienu kważi eleminaw kull influwenza Punika minn Malta. Dan jikkonfermawh l-oġġetti misjuba u anki l-forma ta' dan l-istess qabar.

---

*Noti:*
*David Trump, kuratur ta' l-arkeoloġija 1958-63*
*Francis S. Mallia, kuratur ta' l-arkeoloġija 1959-71*
*Charles G. Zammit, direttur tal-mużewijiet 1955-71*
*Admiral Sir Guy Grantham, responsabbli mill-wirt kulturali 1959-62*

*Referenzi:*
*Rapport Annwali tal-Mużewijiet – 1960*
*One Hundred Years of Heritage – Kenneth Gambin*
*An Archaeological Guide – D.H. Trump*
*Malta and the Pheonicians – Tancred C Gouder*
*Who's who in the Ancient World – Betty Radice*
*Roman Malta – Anthony Bonanno.*

**THE CATHEDRAL OPTICA**

*would you rather see or be seen?*



*Malta's best opticians for corrective eyewear now offer 10% on Frames*
**New Shop at Luqa - 21895248**

*Appointments for Eye Examination*
*G'Mangia 21226020/3 - B'Kara 21490213*
*Fgura 21673332 - Naxxar 21431152*
*Żebbuġ 21465768 - Mosta 21421976*
*Qormi 21487582 - Rabat 21450845*
*Perfurmery at G'Mangia*
*(Day Soft Contact Lenses)*

*Main Office: Gardjola Gate, Mimosa Street, (St. Luke's Rd.,), G'Mangia MSD09*
*We also provide 1 hour service*